**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 481/2015 RGM**

**Francis Fenech (K.I. 245849M);**
**Emanuel sive Leli Fenech(K.I. 91354M);**
**Joseph sive Guzi Fenech (K.I. 928350M);**
**George Fenech (K.I. 294047M);**
**Peter Paul sive Peter Fenech (K.I. 313741M);**
**Maria Dolores sive Maria Farrugia (K.I.608836M)**
**Frances Baldacchino, Anthony Baldacchino u**
**Maria concetta sive Connie Fenech bhala eredi**
**tal-mejta Angla sive Julie Baldacchino (K.I. 128640M);**
**Maria Stella sive Stella Vassallo (K.I. 40946M); u**
**Georgina sive Gina Willie (K.I. 465133M)**

**vs.**

**Mary Vella (K.I. 705855M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Francis Fenech, Emanuel sive Leli Fenech, Joseph sive Guzi Fenech, George Fenech, Peter Paul sive Peter Fenech, Maria Dolores sive Maria Farrugia, Frances Baldacchino, Anthony Baldacchino u Maria concetta sive Connie Fenech bħala eredi tal-mejta Angla sive Julie Baldacchino, Maria Stella sive Stella Vassallo u Georgina sive Gina Willie** ippreżentat fl-20 ta' Mejju, 2015 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi permezz tar-rikors li r-rikorrenti pprezentaw quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li jgib in-numru 38/2009 fl-ismijiet: *Francis Fenech et vs Mary Vella,* li ghadu pendenti quddiem l-istess Bord, wara li ppremettew illi l-intimata tikri minghadhom il-fond 43, flat 3, Triq Santa Rita, Sliema, bil-kera annwali ta' mitejn disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52) pagabbli bil-quddiem, u li ghalkemm ir-rikorrenti interpellaw lill-intimata biex thallas il-kera tas-snin 2008 u 2009. Hija naqset, r-rikorrenti talbu li l-istess Bord li Jirregola l-Kera jittermina l-lokazzjoni tal-fond imsemmi u jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk prefiss mill-istess Bord *(ara Dok FF 1*).

2. Illi fil-mori tal-istess kawza fuq citata gew ipprezentati ghadd ta' dokumenti li fosthom hemm ricevuti li jgibu l-firma allegatament tal-esponenti Francis Fenech bil-kliem "F Fenech" u ricevuta ohra allegatament tal-mejta Angela sive Julie Baldacchino bil-kliem "J. Baldacchino", liema dokumenti huma importanti hafna ghall-istess andament tar-rikors fuq citat pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (*vide Dok FF 2-5*).

3. Illi d-dokumenti msemmija fil-paragrafu precedenti huma foloz u ma sarux mill-esponenti Francis Fenech u l-mejta Angela sive Julie Baldacchino, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk huma nulli u bla effett.

4. Illi r-rikorrenti jafu personalment dawn il-fatti kollha.

5. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk, l-intimata, il-ghaliex din l-Onor, Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illli d-dokumenti fuq imsemmija annessi u mmarkati bhala Dok FF 2-5 huma foloz u ma sarux mir-rikorrenti Francis Fenech u l-mejta Angela sive Julie Baldacchino u ghalhekk l-istess dokumenti huma nulli u minghajr effett.

2. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fil-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-r**isposta ġuramentata ta' Mary Vella** ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 2015 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi mhux minnu li d-dokument ossia l-ircevuti li qieghda ssir referenza ghalihom huma foloz.

2. Illi kuntrarjament ghal dak allegat il-firem saru quddiem l-eccipjenti u allura huwa awtentici.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu quddiem il-Qorti;

Rat illi fit-30 ta' Novembru 2015[1] ġie nnominat l-espert Dr Martin Bajada sabiex jirrelata dwar l-allegat firem ta' Peter Fenech, Francis Fenech u Julia Baldacchino li jinsabu fuq numru ta' rċevuti li ġew ippreżentati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawża 38/2009 fl-ismijiet Francis Fenech et vs. Mary Vella;

Rat ir-Rapport tal-espert kaligrafu Dr. Martin Bajada ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2018[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet[3];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

Fl-10 t'Awwissu 2009 ir-rikorrenti intavolaw proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra l-konvenuta Mary Vella fuq il-premessa li din naqset milli tagħmel pagamenti ta' kera fis-sena 2008 u 2009 għal fond 43, Flat 3, Triq Santa Rita, Sliema, liema fond huwa r-residenza ordinarja tagħha. Waqt din l-istess proċedura l-inkwilina Vella ippreżentat set ta' rċevuti li allegatament ġew iffirmati minn Peter Fenech, Francis Fenech u Julia Baldacchino. Ir-rikorrenti jinsistu li l-irċevuti mis-sena 1998 sal-2000, l-irċevuti tat-2 ta' Frar 2005, tat-2 ta' Frar tal-2006, tat-2 ta' Frar 2007, tat-3 ta' Settembru 2007, tal-1 ta' Jannar 2008 u tal-1ta' Jannar 2009 huma foloz u kien għalhekk li ntavolaw din l-azzjoni sabiex jiġi dikjarat li l-imsemmija dokumenti huma foloz u sabiex jingħata dak il-provediment xieraq.

[1] Paġna 29 tal-proċess.
[2] Paġna 100 tal-proċess.
[3] Paġna 160 tal-proċess.

Min-naħa tagħha l-konvenuta qiegħda tinnega li dan huwa l-każ u taħlef li l-firem saru quddiemha u "allura awtentiċi"[4]. Dan magħdud, fl-affidavit tagħha ppreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 hija spjegat li "[...] kienu hafna drabi fejn jiena kont inhalli l-ktieb tal-kera mas-sidien jew xi uhud minnhom u jaghtuni l-ircevuta aktar tard, però kien hemm drabi fejn dawn iffirmaw quddiemi. Jiena ma niftakarx il-firem li qed jkunu kkontestati sarux quddiemi jew le."[5] In oltre waqt il-kontro-eżami tat-22 ta' Jannar 2020[6] hija tispjega li l-firem ta' Julia Baldacchino ma kinux isiru quddiemha għaliex hija kienet tagħti l-flus flimkien mal-ktieb tal-kera lir-raġel tas-Sinjura Baldacchino li kien jidħol bil-flus u l-ktejjeb f'kamra fuq in-naħa ta' wara tad-dar u kien jerġa jiġi lura bil-ktieb iffirmat. Dwar il-firem ta' Peter Fenech u Francis Fenech ma tgħid xejn fil-kontro-eżami tagħha.

L-irċevuti li qegħdin jiġu kontestati huma s-segwenti:
4 ta' Lulju 1998;
1 ta' Ġunju 1999;
1 ta' Ġunju 2000;
2 ta' Frar 2005;
2 ta' Frar 2006;
2 ta' Frar 2007;
2 ta' Settembru 2007;
1 ta' Jannar 2008;
1 ta' Jannar 2009;
Irċevuta tal-Awtorità tad-Djar tal-2008.

L-ewwel tlett irċevuti allegatament iffirmati minn Peter Paul Fenech; is-sitt irċevuti ta' wara allegatament iffirmati minn Francis Fenech u l-aħħar irċevuta allegatament iffirmata minn Julie Baldacchino.

[4] Paġna 18 tal-proċess.
[5] Paġna 149 tal-proċess.
[6] Paġna 157 tal-proċess.

Mill-analiżi li għamel l-espert kaligrafu, filwaqt li ma setax jasal għal konklużjonijiet dwar l-irċevuta tal-4 ta' Lulju 1998 peress li "ma tikkwalifikax ghall-paragun ta' analisi kompatativ [*recte:* komparattiv]"[7], dwar ir-rimanenti rċevuti l-espert ikkonkluda li:

"i. Il-firma allegatament ta' **Angel k/a Julie Baldacchino** fuq ir-ricevuta ghal-kera tas-sena 2008 tinsab nieqsa minn kull karateristika li hemm fil-kampjun u hemm diskrepanza sostanzjali fil-kostruzzjoni kif jidher *ad occio nudo* meta wiehed iqabbel iz-zewg firem;

ii. Is-sitt (6) firem allegatament ta' **Francis Fenech** fuq ir-ricevuti ghas-snin 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 meta mqabbla maz-zewg kampjuni tal-firma tirrizulta diskrepanza fit-tifsila, fil-forma fix-xaqliba u kostruzzjoni kif dettaljat f'dan ir-rapport.

iii. Iz-zewg (2) firem allegatament ta' **Peter Paul Fenech** fuq ir-ricevuti ghas-snin 1999 u 2000 meta mqabbla mal-kampjuni tal-firma tirrizulta diskrepanza fit-tifsila, fil-forma, fix-xaqliba u kostruzzjoni kif dettaljat f'dan ir-rapport.

iv. **Ghal dawn ir-raguniijiet il-firem fuq ir-ricevuti kontestati mill-atturi ma jirrizultawx li ghandhom il-karatteristici misjuba fil-firem originali.**

v. **Ghaldaqstant hija l-opinjoni tas-sottoskritt li l-firem kontestati ma humiex ta' Angel k/a Julie Baldavvhino, Francis Fenech u ta' Peter Paul Fenech.**"[8]

Ikkunsidrat

[7] Paġna 109 tal-proċess.
[8] Paġni 109 – 110 tal-proċess.

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** il-Qorti ma hijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, "*dan però ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*"[9].

Ġie wkoll sewwa ritenut fil-kawża **Benjamin Camilleri *nomine* vs. Charles Debattista *nomine*** *(Ċit Nru 413/1988)*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 illi:

> "*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*."

Fil-kawża **Champalin Company Limited vs. Emmanuel Debono et** (Ċit Nru 1319/1998) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad illi:

> "*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew*

[9] **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1998.

*inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].*"[10]

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Petroil Engineering Services Limited vs. Oil and Construction International Limited et** (Ċit Nru 1610/1995), deċiża fit-8 ta' Jannar 2007 spjegat illi:

"*L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex il-Qorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizzat appuntu sabiex jiġu determinati.*"

Ikkunsidrat

Kif jirriżulta mill-fatti, il-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum huwa wieħed essenzjalment tekniku. Il-konklużjonijiet tal-espert kaligrafu nominat mill-Qorti huma ċari u kif rajna mill-ġurisprudenza ċitata għandhom piż probatorju notevoli. Sabiex l-attriċi ixxejjen il-konklużjonijiet peritali kien jeħtiġilha tressaq provi sabiex turi li tali konklużjonijiet huma manifestament erronji. Kif jirriżulta mill-atti, l-attriċi ma resqet l-ebda prova li tikkontradixxi jew almenu tinnewtralizza l-analiżi u l-konklużjonijiet tal-espert Jingħad fil-fatt li l-konvenuta naqset milli tagħmel eskussjoni tal-perit jew altrimenti ġġib prova kuntrarja. Fid-dawl tal-premess il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għanda twarrab il-konklużjonijiet raġġunti mill-perit tekniku nominat mill-Qorti.

[10] Ara wkoll **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et** deċiża fid-29 ta' Mejju 1998; **Geswalda Caruana vs. Francis Xerri** (App. Ċiv. Nru. 46/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014.

Għaldaqstant il-Qorti qed tagħmel tagħha l-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku u għalhekk tiddikjara li l-firem li hemm fuq id-dokumenti fuq imsemmija mertu tal-kawża odjerna ma humiex ta' Francis Fenech, Peter Paul Fenech u Julie Baldacchino (għajr għal tal-4 ta' Lulju 1998).

Il-Qorti ħadet nota wkoll tat-testimonjanza ta' Mary Vella fejn sostniet illi diversi drabi il-firem ma kienux isiru fil-presenza tagħha. Dan magħdud din il-Qorti tenfasiżża li b'din id-deċiżjoni hija m'hi tagħmel l-ebda pronunzjament dwar ħlas o meno tal-kera mertu tal-kawża pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera liema mertu qed jitħalla kompletament impreġudikat.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti

1. Tiddikjara illi d-dokumenti kopja ta' liema jinsabu eżebiti u markati bħala Dok FF2; Dok FF3; Dok FF4 u Dok FF5 (fol. 10 sa fol. 13) ma ġewx iffirmati mill-attur Francis Fenech jew mill-mejta Angela sive Julie Baldacchino;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**